

Pariri dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli

Il-ġugarelli jagħtu kontribut essenzjali għall-iżvilupp tat-tfal. Biex tiżgura l-aqwa esperjenza għat-tfal tagħna żomm f'moħħok dawn il-Pariri dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli li ġejjin.



Meta tagħżel ġugarell

Ixtri dejjem ġugarelli minn fhwienet u awtlets onlajn ta' min jafdahom.

Dawn jieħdu fhwienet il-ġugarelli li jbiegħu u normalment jaċċettaw ġugarelli li jiġu rritornati. Madankollu, il-kummerċjanti illegali, għandhom it-tendenza li jinjoraw il-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sikurezza u jistgħu wkoll jinnegozjaw f' ġugarelli foloz. Iċċekja b'attenzjoni kbira l-ġugarelli li jinxtrow onlajn, il-ġugarelli li jingħataw lit-tfal bħala rigali, u l-ġugarelli li jinxtrow diġà użati.

Aqra t-twissijiet u l-istruzzjonijiet kollha.

Kun konxju tar-rakkomandazzjonijiet tal-età u tas-sikurezza – fudhom bis-serjetà. Qatt tixtri ġugarelli li ma għandhomx il-marka CE esposta fuq il-ġugarell jew fuq l-ippakkeġġjar tagħhom. Għalkemm il-marka CE mhijiex intenzjonata li tkun gwida tal-konsumatur, dan huwa obbligu mill-manifattur tal-ġugarelli li l-ġugarell jikkonforma mar-regolamenti dwar is-sikurezza kollha tal-UE, li huma fost l-aktar stretti fid dinja.

Agħżel ġugarelli adattati għall-età, l-abilitajiet u l-livell tal-kapaċità tat-tifel jew tifla.

Ġugarelli li mhumiex intenzjonati għal grupp ta' età tat-tfal speċifiku jistgħu jwiegġgħu lit-tifel jew tifla. Kun żgur li ssewgi r-rakkomandazzjoni tal-età - b'mod partikolari s-simbolu minn 0 sa 3 (ara fuq il-lemin) u l-kliem 'mhux adattat għal tfal ta' taħt is-36 xahar' akkumpanjati mill-indikazzjoni tal-periklu.



Tixtrix ġugarelli b'partijiet żgħar li jinqalgħu għal tfal ta' taħt it-tliet snin,

għaliex dawn it-tfal għandhom it-tendenza li jdaħħlu l-ġugarelli f'ħalqhom u jistgħu jifgħu fil-partijiet iż-żgħar.



Wara li tixtri ġugarell

Segwi b'attenzjoni kbira l-istruzzjonijiet għall-immuntar u l-użu tal-ġugarell.

Żomm l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni li huma ppakkjati mal-ġugarell f'post sikur.

Oqgħod attent għat-tfal filwaqt li jkunu qed jilagħbu - kun żgur li jilagħbu bil-ġugarelli kollha kif suppost u li huma adattati għall-età u l-abilitajiet tat-tifel jew tifla. Ma'ċerti ġugarelli - bħal skuters, skejts bir-roti u roti - għandhom jintlibsu dejjem l-elmi u t-tagħmir ta' sikurezza.

Iċċekja l-ġugarelli minn żmien għal żmien

għal xi ksur jew użu li jista' jikkawża ħsara u jaffettwa s-saħħa u s-sikurezza tat-tifel jew tifla. Neħħi l-ġugarelli mkissrin mal-ewwel.

Neħħi l-ippakkeġġjar kollu

u żomm dejjem l-istruzzjonijiet. Kun żgur li t-tfal ma jilagħbux bl-ippakkeġġjar tal-plastik minħabba li jista' jkun hemm riskju li jifgħu.

Għallem lit-tfal tiegħek biex jerfgħu l-ġugarelli tagħhom biex jiġu evitati l-inċidenti.

Tħallix ġugarelli barra fuq it-taraġ jew mal-art f'partijiet passaġġużi tad-dar.

Irrapporta dejjem xi problema ta' sikurezza b'ġugarell lill-manifattur jew lill-bejjiegħ minn fejn xtrajtu.

Iċċekja l-websajt tas-sistema ta' allarm malajr tal-UE (RAPEX) <http://ec.europa.eu/rapex>. Din tagħti dettalji dwar il-prodotti perikolużi li tneħħew mis-suq f'pajjiżek, inklużi l-ġugarelli. Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar is-sikurezza tal-ġugarelli dejjem staqsi lill-manifattur, lill-bejjiegħ jew lill-awtorità pubblika rilevanti.



RAPEX

